**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 17 ta' Novembru, 2015

Rikors Nru : 368/15 AL

**AB**

***vs***

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ili gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu fit-13 ta' Lulju 2002 gewwa il-Knisja ta' San Pawl, Valletta. Kopja tac-Certifikat taz-Zwieg qed jigi anness u mmarkat Dokument RD 001;

Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux ulied;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-sena elfejn u erbgha (2004) u dan ai termini ta' Kuntratt ta' Separazzjoni fl-Atti tan-Nutar

Dottor Tonio Cauchi datat 9 ta' Awissu 2004. Kopja tal-Kuntratt qed jigi anness u mmarkat Dokument RD 002;

Illi r-rikorrenti ikkonferma illi ma kienx hemm obbligu ta' manteniment bejn il-partijiet u li ghal kull buon fini l-partijiet dejjem ottemperaw ruhhom ma' l-obbligi tal-Kuntratt;

Illi ma hemm l-ebda prospett remot ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li l-partijiet ilhom snin mifrudin u illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta' divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet filwaqt li taghmel riferenza ghas-suespost li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku;

Bl-ispejjez;

Rat ir-risposta tal-Avukat Dr Damien Degiorgio ghan-nom u in rapprezentanza tal-intimat, li permezz taghha irrileva :

Illi l-esponenti noe l-Avukat Damien Degiorgio gie kkuntattjat mill-intimat C D, li jirrisjedi fir-Renju Unit u li gie debitament notifikat bl-atti ta' din il-kawza fir-residenza ta' ommu f'Malta, u dan proprju wara li saret id-debita notifika ta' l-atti riferiti u wara li l-istess C D ha konjizzjoni taghhom;

Illi l-esponent l-Avukat Damien Degiorgio gie inkarigat, a tenur tad-dokumenti hawn annessi u mmarkati bhala Dok. DD001 u DD002 sabiex jikkonferma, ghan-nom ta' C D, li dan ta' l-ahhar jaqbel pienjament ma dak dikjarat mir-rikorrenti fir-rikors guramentat taghha, u cioe li, wara li l-partijiet izzewgu fit-13 ta' Lulju 2002,

gewwa il-Knisja ta' San Pawl, Valletta, huma sussegwentement isseparaw legalment fis-sena elfejn u erbgha (2004) u dan ai termini ta' Kuntratt ta' Separazzjoni fl-Atti tan-Nutar Dottor Tonio Cauchi datat 9 ta' Awissu 2004;

Illi l-intimat jikkonferma ukoll li minn dan iz-zwieg ma twieldux ulied u jikkonferma illi ma kienx hemm obbligu ta' manteniment bejn il-partijiet u li ghal kull buon fini l-partijiet dejjem ottemperaw ruhhom ma l-obbligi tal-Kuntratt in kwistjoni;

Illi l-intimat C D jaqbel ukoll li ma hemm ebda cans ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u jaqbel mat-talba li z-zwieg bejn il-partijiet jinhall;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-22 ta' Settembru 2015;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-sena 2004 ai termini ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Tonio Cauchi datat 9 ta' Awissu 2004;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.